MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANNA FELICE

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 25/2012

**Nadine Bonnici**

**vs**

**G.D.L. Trading and Services Limited (C 7390); Joseph Bonnici**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ G.D.L. Trading and Services Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti tirrevoka l-istess imsemmi mandat a tenur tal-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti Nadine Bonnici.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Nadine Bonnici, li permezz taghha, ghar-ragunijiet fiha mfissra, talbet lill-Qorti tordna illi l-mandat ta' inibizzjoni mahrug fit-13 ta' Ottubru 2011 ghandu jibqa' fis-sehh.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-atti kollha tar-rikors u l-atti tal-mandat Nru. 1296/11 kif ukoll l-atti tal-kawza pendenti bejn l-istess partijiet (Cit. Nru. 961/2011 AF).

Jirrizulta illi Nadine Bonnici talbet u kisbet il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' G.D.L. Trading and Services Limited, li permezz tieghu, l-istess socjeta' hija mizmuma milli tbiegh l-unika proprjeta' immobbli li ghandha.

Jirrizulta illi Nadine Bonnici hija mizzewga lil Joseph Bonnici li huwa azzjonist fis-socjeta' u l-istess ishma jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi. Nadine Bonnici talbet il-mandat de quo sabiex tikkawtela l-valur tal-istess ishma. Is-socjeta' issa ghandha opportunita' li tbiegh din il-proprjeta' u fil-fatt hemm konvenju fuqha diga' u jekk jirnexxielha tbiegh tkun tista' tehles minn djun konsiderevoli li ghandha. Ghalhekk qed titlob li l-mandat jithassar a tenur tal-Art. 836 (1) (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Art. 836 (1) (f) testwalment jipprovdi ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju:

"*(f) Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*"

Il-Qorti, f'dan il-kuntest tenfasizza li l-iskrutinju li jehtigilha taghmel f'dan l-istadju huwa essenzjalment dak li jirrizulta minn ezami prima facie tac-cirkostanzi kollha.

Mill-iskrutinju prima facie kif imsemmi aktar ‘il fuq, din il-Qorti ssib illi s-socjeta’ rikorrenti odjerna milquta bil-mandat ta’ inibizzjoni de quo ghandha debiti komplessivi fl-ammont ta’ madwar €1.3 miljun. L-unika mod kif jista’ jigi kopert dan id-dejn huwa bil-bejgh tal-unika proprjeta’ li ghandha s-socjeta’, u l-Bank kreditur tas-socjeta’ qed jaghmel pressjoni fuq is-socjeta’ biex dan isehh. Jirrizulta ukoll li, fil-fatt, is-socjeta’ hija vijabbli u attwalment topera bi qliegh. Madanakollu, il-qliegh kollu qed imur biex jithallas l-imghax fuq id-dejn. Ta’ min wiehed jenfasizza li d-dejn sar principalment sabiex tinbena l-istess proprjeta’, mahzen ghall-uzu tal-istess socjeta’ u ta’ socjeta’ ohra li l-ahwa ukoll ghandhom sehem fiha u li topera id f’id mas-socjeta’ rikorrenti odjerna. Jirrizulta ukoll li d-dejn sar fiz-zmien meta nkarigat mit-tmexxija kien zewg l-istess rikorrenti u cioe’ Joseph Bonnici. Is-socjeta’ diga’ pprovdiet ghall-alternattiva ghall-istess mahzen li trid tbiegh. Infatti sar ftehim ta’ kera li wahdu jghabbi lis-socjeta’ b’ammont ferm anqas mill-imghax li qed jithallas.

Inoltre, jirrizulta ukoll illi l-azzjonisti ahwa kollha, inkluz ir-ragel ta’ Nadine Bonnici qeghdin, flimkien mal-konjugi taghhom, jiggarantixxu d-djun personalment. Dan kollu jirrizulta mid-dokumenti esebiti in atti u mhux kontradett.

Nadine Bonnici, li, del resto m’hijiex azzjonista, izda, pero’ hija mizzewga lill-azzjonist bir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti. Qeghdin fil-proceduri ta’ separazzjoni u tixtieq tillikwida sehemha tal-komunjoni. Tinsisti illi l-bilanc tar-rikavat wara li jithallas id-dejn ghandu jibqa’ b’xi mod iffrizat sakemm jigu decizi l-pendenzi l-ohra pendenti bejn il-partijiet. Il-Qorti tqis li din it-talba m’hijiex accettabbli ghar-raguni illi jekk issehh, tistultifika ghal kollox l-operat tas-socjeta’ b’detriment ghall-azzjonisti kollha inkluz l-istess zewgha.

Wiehed ma jistax ma jsemmix illi tali bilanc huwa dejjem protett mil-ligi estensiva tas-socjetajiet li tipprovdi ghall-konsegwenzi serjki f’kaz ta’ “wrongful” jew “fraudulent” trading.

Fl-ahharnett, il-Qorti qieset ukoll is-sitwazzjoni li tista' tirrizulta kemm-il darba ma jsehhx il-bejgh propost. Apparti l-konsegwenzi legali li jistghu jirrizultaw mill-konvenju innifsu mhux onorat, tezisti ukoll il-possibilita' konkretissima li l-Bank jisforza bejgh b'licitazzjoni li huwa ben risaput li mhux dejjem iwassal ghal rikavat li tista' ggib proprjeta' meta tinbiegh fis-suq miftuh bhal ma huwa propost mis-socjeta' rikorrenti odjerna.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, m'huwiex ragjonevoli li l-att kawtelatorju de quo jibqa' fis-sehh.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad it-twegiba ta' Nadine Bonnici, tirrevoka fl-intier tieghu, il-mandat ta' inibizzjoni Nru. 1296/2011 fl-ismijiet Nadine Bonnici vs G.D.L. Trading and Services Limited" moghti fit-13 ta' Ottubru 2011.

L-ispejjez jithallsu minn Nadine Bonnici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------